**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Frar, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 1181/2011 AF**

**Saviour sive Salvu Zahra**

**u**

**Alexander u Lorraine konjugi Borg**

**vs**

**Charles Cassar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti huma ko-propjetarji tal-garaxx bl-arja relattiva numru tnejn u hamsin (52) gieli kkwotat bhala erbgha u hamsin (54) fi Triq l-Imtarfa, Mtarfa, kif indikat fl-anness dokument markat Dok. SZ1.

Adjacenti ma' dan il-fond jinsab sitwat il-fond tlieta u hamsin (53), Triq l-Imtarfa, Imtarfa li huwa proprjetà tal-intimat Charles Cassar.

Xi snin ilu l-intimat kien zviluppa din il-proprjetà tieghu u maghha zied garaxx fuq in-naha ta' wara.

Dan l-ahhar l-esponenti nduna illi meta sar dan l-izvilupp l-intimat bena parti minn dan il-garaxx immedjatament wara l-proprjetà tar-rikorrenti b'mod illi huwa bena aktar milli suppost u qabez il-linja medjana ta' bejn iz-zewg fondi. Dan kif indikat fi pjanta annessa u mmarkata Dok. SZ2.

Inoltre minflok huwa fetah bieb ghal garaxx ghal fuq it-triq li tinsab sitwata immedjatament wara dan il-garaxx b'mod li tmiss mieghu huwa fetah bieb li jaghti ghal fuq in-naha tal-proprjetà tar-rikorrenti.

Permezz ta' dan l-izvilupp u l-fetha fil-bieb huwa qieghed mhux biss jostakola l-uzu komplet lir-rikorrenti tal-proprjetà taghhom talli qieghed jirristringilhom kwalunkwe zvilupp shih ta' din il-proprjetà taghhom.

Meta l-esponenti pprova diversi drabi jitlob lill-intimat jirregolarizza l-pozizzjoni huwa baqa' inadempjenti u qal lill-esponenti illi jekk irid xi haga kellu jiftahlu l-kawza.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat bena tali zvilupp mhux kif suppost peress illi ma zammx mal-linja medjana estiza kif kien fi dmir illi jaghmel.

2. Tordna lill-intimat sabiex inehhi dik l-istruttura u kwalunkwe zvilupp iehor u/jew bieb ossija fetha ta' garaxx li huwa mibni lil hinn mil-linja medjana estiza ta' bejn iz-zewg fondi tal-partijiet u dana fi zmien qasir u perentorju u taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha l-Qorti inkluz izda

mhux limitatament li jsir taht is-sorveljanza ta’ perit tekniku.

3. F’kaz illi l-intimat jonqos illi jaghmel dak ordnat fi zmien koncess lilu, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu x-xogholijiet kollha mehtiega skond il-kaz a spejjez tal-istess intimat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok, u in linea preliminari, jigi eccepit illi dina l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tisma’ l-proceduri odjerni, u dan stante illi l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju tal-*privilegium fori* lilu moghti ai termini tal-Artikoli 741(c) u 767 et seq. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante illi huwa residenti Ghawdex.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova tat-titolu taghhom jew kwalunkwe dritt iehor li jallegaw li ghandhom, fuq il-proprjetà li tigi fuq wara tal-fond taghhom bin-numru 52 jew 54, Triq l-Imtarfa, Mtarfa, li fuqha tinsab ibbazata l-azzjoni odjerna taghhom, u fin-nuqqas, l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi din hija azzjoni petitorja u fin-nuqqas ta’ prova dwar it-titolu tar-rikorrenti fuq l-art retrospetta ghall-proprjetà taghhom, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

Jigi eccepit illi ir-rikorrenti ma ghandhom l-ebda interess guridiku illi jintavolaw din l-azzjoni u ghalhekk fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ulterjorment u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi l-kuncett ta’ bini oltre l-linja medjana bejn iz-zewg proprjetajiet in kwistjoni ma hijiex applikabbli fil-kaz de quo

stante illi l-porzjon ta' art retrospetta ghaz-zewg fondi di proprjetà rispettiva tal-kontendenti, hija kompletament separata u distinta mill-plots li fuqhom jinsabu sitwati l-istess fondi 52 jew 54, Triq l-Imtarfa, Mtarfa (di proprjetà tar-rikorrenti), u 53, Triq l-Imtarfa, Mtarfa (di proprjetà tal-eccipjenti), u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Konsegwentement u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma ghandu l-ebda dmir, kif allegat mir-rikorrenti, illi jzomm mal-linja medjana estiza bejn iz-zewg fondi rispettivi tal-kontendenti, fil-bini tal-garaxx tieghu b'estensjoni mal-fond di proprjetà tieghu.

Dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex minnu illi l-eccipjenti qieghed jostakola l-uzu komplet tar-rikorrenti tal-proprjetà taghhom u/jew jirrestringilhom l-izvilupp shih ta' din il-proprjetà taghhom u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigi michuda l-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi b'sentenza preliminari datata 10 ta' Ġunju 2014 din il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli difensur tal-atturi.

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tal-konvenut.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi l-kawża tal-lum titratta parti mill-garaxx proprjetà tal-konvenut li l-atturi jikkontendu li huwa mibni b'tali

mod illi qabeż il-linja medjana ta' bejn il-fond tagħhom u dak tal-konvenut, b'dan illi qiegħda tiġi ostakolata parti mill-faċċata fuq in-naħa ta' wara tal-proprjetà tal-atturi. L-atturi jikkontendu wkoll illi l-bieb tal-garaxx tal-konvenut qiegħed jostakola l-użu komplet tal-proprjetà tagħhom.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi huma proprjetarji tal-garaxx bin-numru 52 (ġieli kwotat bħala 54), fi Triq l-Imtarfa, l-Imtarfa. Dan il-garaxx ġie deskritt fil-kuntratt t'akkwist tal-atturi li għandu wkoll faċċata fuq Triq il-Konti Sant Manduca. L-atturi akkwistaw il-proprjetà tagħhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Sam Abela fil-11 ta' Diċembru 2008. Il-konvenut huwa l-proprjetarju tad-dar bin-numru 53, Triq l-Imtarfa, l-Imtarfa, li tinsab bieb ma bieb mal-garaxx tal-atturi. Huwa akkwista din id-dar permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Clinton Bellizzi datat 17 ta' Novembru 2003. Dawn iż-żewġ proprjetajiet kienu oriġinarjament jappartejnu t-tnejn lil ċertu Emanuele Muscat u dan skont kif jirriżulta mill-provenjenza fiż-żewġ kuntratti pubbliċi msemmija. Il-konvenut jispjega li filfatt id-dar bin-numru 53 u l-garaxx bin-numru 52/54 kienu oriġinarjament proprjetà waħda.

Qabel ma xtara d-dar tiegħu, il-konvenut kien jikri din id-dar mingħand ċertu Rosina Muscat. Huwa jgħid illi fil-bidu tat-tmeninijiet, meta allura kien għadu b'titolu ta' kera, huwa ngħata permess mingħand Rosina Muscat sabiex jibni garaxx fuq porzjon art li kienet tinsab fuq wara tad-dar. Jirriżulta li dan il-garaxx inbena b'mod illi ġiet ostakolata parti mill-faċċata ta' wara tal-garaxx tal-atturi. B'żieda ma dan, il-konvenut għażel li jagħmel bieb li jinfetaħ 'il barra b'mod illi meta l-bieb ikun miftuħ jiġi ostakolat ukoll bieb illi l-atturi għandhom fuq in-naħa ta' wara tal-garaxx tagħhom. Il-perit Tancred Mifsud, inkarigat mill-atturi, jikkonferma li bejn il-faċċata ta' wara tal-garaxx tal-atturi u l-garaxx tal-konvenut hemm *overlap* ta' 53 ċentimetru.

Il-konvenut iressaq eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu. Din il-Qorti tħoss li fl-ewwel lok għandha tiġi trattata l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens illi l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku sabiex iressqu l-kawża odjerna.

In linea ta' prinċipju ġenerali, din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet It-Tabib Charles Delicata et vs Alfred Borg tat-28 ta' Frar 2017 spjegat li:

> "*it-talba ta' l-attur titwieled mill-vjolazzjoni attwali jew allegata tad-drittijiet tieghu. Ghalhekk objettivament l-iskop ta` kull kawza huwa sabiex l-attur jerga` jitqieghed fl-ezercizzju jew tgawdija shiha tal-jeddijiet tieghu. Il-funzjoni u l-oneru tal-gudikant huwa li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u jaccerta ruhu mid-drittijiet ta` l-attur sabiex jasal u jistabilixxi jekk tezistix xi vjolazzjoni ta` l-jedd, kif ukoll jekk ghandhiex issehh it-tnehhija ta` tali vjolazzjoni.*
>
> ...
>
> *Ikun hemm interess guridiku jekk il-kawza tkun tista` twassal ghal vantagg ghal min jipproponiha. Il-Qorti trid tkun konvinta li l-attur ikollu l-iskop li jirkupra l-oggett jew beneficcju ta` xi jedd moghti lilu bil-ligi, u li jkun gie vjolat*."

Kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et, deċiża fil-15 ta' Lulju 1952:

> "*Citazzjoni tista` ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna ... biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – `l`azione civile non puo` essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l`uno e l`altro di questi requisiti, l`azione e` infondata e inammissibile`.*"

Hekk ukoll fis-sentenza li tat fit-28 ta' Frar 1997 fil-kawża fl-ismijiet Alexander Eminyan vs John Mousù pro et noe et, il-Qorti tal-Appell irriteniet:

> "*l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn*

*l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir*."

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ fl-ismijiet Henry Tabone vs Hilda Demajo, deċiż fit-3 ta' Novembru 2004 spjegat hekk:

*"Dan premess, jibda biex jiġi osservat illi kif paċifikament akkolt fuq it-tagħlim tal-Mattirolo (Diritto Giudiziario, Vol. 1, para 33 et sequitur) "il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamento minacciato non puo essere esercitata senza un interesse, essendo assiomatico che l' interesse è la misura delle azioni ed è il motivo che giustifica l' accesso alle aule di giustizia. In altri termini, non basta che ci sia il diritto astratto per aprire l' adito all' esercizio di una azione, ma occorre che ci sia l' interesse come condizione essenziale per poter allegare e dimostrare in tribunale tale diritto" - "Negte Edgardo Moore -vs- Onor. Joseph Huber nomine", Appell Ċivili, 25 ta' Mejju 1932 (Kollez. Vol. XXV P I p 506);*

*Is-sentenza li fiha tista' tgħid jinsab raġġruppat il-konċett kollu in subjecta materia hi dik fl-ismijiet "Pietro Paolo Borg -vs- Giuseppe Caruana" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Ċivili, fit-3 ta' Diċembru 1984. L-estratt segwenti minnha jispjega sew it-tematika:*

*"In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura ta' l-azzjoni (Vol. XXXVII P II p 608) u r-rekwiżit ta' l-interess hu ndispensabbli għall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sede ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII P I p 507). L-interess hu l-bażi ta' l-azzjoni (Vol. XXIX P I p 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX P I p 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuz jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII P I p 108; Vol. XXXVII P I p 57; Vol. XXXVII P II p 608). Biex wieħed jipproponi*

*domanda f' ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu nteress fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittimu u konkret (Vol. XXVIII P II p 317).'"*

Fis-sentenza fl-ismijiet Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et, deċiża fit-28 ta' Novembru 2003, il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji miġbura mill-ġurisprudenza ċitata mill-Ewwel Qorti, li fil-fehma tagħha, għandhom iservi ta' gwida sabiex fuqhom timxi Qorti biex tirriżolvi vertenza ta' din ix-xorta. Dawn il-prinċipji huma s-segwenti:

*"(i) l-interess (ġuridiku) meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali;*

*(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizża dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;*

*(iii) l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmulha kontriha;*

*(iv) l-interess ġuridiku irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi;*

*(v) l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-ħajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża;*

*(vi) l-interess ta' l-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat;*

*(vii) fil-prattika ġudizzjarja, wieħed jista' jippromuovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'l quddiem;*

*(viii) l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, imma jista' jkun imsejjes biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew soġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku.*

*(ix) jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarrek bla ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies bħala waħda illegali – azzjoni magħrufa fid-duttrina bħala acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ."*

Finalment, kif qalet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Kevin Chircop vs Joseph Chircop tat-28 ta' Jannar 2004:

"*Issa ħadd ma jiddubita illi l-Qrati huma aċċessibbli għal kulħadd. Daqstant ieħor però huwa indiskuss ukoll illi min jadixxi lill-Qrati għandu juri li huwa għandu dritt li ġie vjolat lilu, jew li jiġi lilu ri-stabbilit id-dritt hekk leż mill-konvenut, u allura permezz tal-azzjoni jista' jipprokura xi riżultament vantaġġuż jew skop utli*."

Applikati dawn il-prinċipji għal kawża tal-lum, din il-Qorti ssib illi l-konvenut għandu raġun f'din l-eċċezzjoni tiegħu. Huwa indiskuss li l-atturi m'għandhom l-ebda dritt x'jiġi lilhom rikonoxxut jew tutelat. Dan għas-sempliċi raġuni illi fihom jonqos l-interess fuq imfisser. Interess li jrid ikun jeżisti f'min jippromwovi l-azzjoni u li allura neċessarjament irid ikun reali u

attwali u jiskatta minn leżjoni ta' dritt appartenti lilu u għalhekk f'dan is-sens l-interess irid ikun ukoll personali għalih.

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li din l-azzjoni la hija waħda ta' natura petitorja u lanqas possessorja. L-atturi lanqas ma qegħdin jikkontendu li jgwadu minn xi servitù favur tagħhom fuq dik l-art li tinsab fuq wara tal-garaxx tagħhom, u ċioè fejn bena l-garaxx tiegħu l-konvenut. Huma jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq dritt illi jgħidu li għandhom sabiex ma tiġix ostakolata l-faċċata tal-parti ta' wara tal-garaxx tagħhom imma ma jispjegawx fuq liema bażi jippretendu li għandhom dan id-dritt. L-atturi jikkontendu li l-konvenut qabeż il-linja medjana ta' bejn iż-żewġ proprjetajiet. B'dan il-Qorti qiegħda tifhem li l-atturi qegħdin jirreferu għall-wisa' tal-faċċata tal-garaxx tagħhom u dik tad-dar tal-konvenut fuq Triq l-Imtarfa. Madanakollu, ċertament ma jirriżultax illi l-art li fuqha jinsab mibni l-garaxx tal-konvenut jappartjeni lill-atturi. Lanqas ma jirriżulta li qatt kellhom pussess ta' din l-art qabel inbena l-garaxx jew drittijiet fuqha.

Din il-Qorti tinnota wkoll li filwaqt li fil-kuntratt t'akkwist li permezz tiegħu l-atturi akkwistaw il-garaxx tagħhom hemm miktub li l-istess garaxx għandu faċċata wkoll fuq Triq il-Konti Sant Manduca, u ċioè l-faċċata fuq wara tal-garaxx fejn tinsab l-*overlap* mertu tal-kawża, mir-ritratti esibiti ma jirriżultax li dan huwa minnu in kwantu li proprju quddiem il-garaxx tal-atturi hemm porzjon art li tifred il-garaxx minn mal-imsemmija triq u filfatt l-proprjetajiet l-oħra f'dik it-triq inbnew mal-linja tat-triq li tasal sal-garaxx mibni mill-konvenut. Anke li kieku, għall-grazzja tal-argument, il-garaxx tal-atturi għandu fronteġġ fuq triq pubblika, b'daqshekk ma jfissirx li l-atturi għandhom dritt awtomatiku li l-faċċata tagħhom ma tiġix ostakolata. Dan speċjalment meta l-attur Saviour Zahra stess jikkonferma li l-bieb u t-tieqa li saru fil-faċċata tal-garaxx tal-atturi infetħu mingħajr il-permess tal-awtoritajiet.

Filwaqt illi l-Perit Tancred Mifsud xehed li l-attur Saviour Zahra għandu permess mingħand l-awtoritajiet sabiex jiżviluppa l-proprjetà tiegħu, kopja ta' dan il-permess ma ġiex esibit. Fi kwalunkwe każ, il-perit iżid jgħid illi fl-applikazzjoni għall-iżvilupp, ma saritx riferenza għall-*overlap* in kwistjoni. Din il-

Qorti ma tistax ma tistaqsix kif l-atturi qegħdin jippretendu li jistgħu jibbażaw din l-azzjoni fuq dritt li jgħidu li għandhom meta fuq kollox jidher minflok li donnhom qegħdin jipprovaw jiżgwidaw l-awtoritajiet tal-ippjannar! B'żieda ma dan kollu, filwaqt li l-atturi jikkontendu li l-konvenut qiegħed jostakola l-aċċess tagħhom bil-bieb tal-garaxx tiegħu, kif diġa ntqal, jirriżulta li l-aċċess li fetħu minn din il-faċċata huwa wieħed illegali.

L-atturi donnhom qegħdin jippretendu li għandhom l-interess ġuridiku neċessarju sabiex jipproponu din il-kawża sempliċiment għaliex skont huma, min naħa ta' wara, il-garaxx tagħhom għandu faċċata fuq triq pubblika u parti minn din il-faċċata hija ostakolata bil-garaxx tal-konvenut. Minkejja li l-Qorti tgħid illi għandha dubji serji dwar kemm il-garaxx tal-konvenut huwa mibni skont il-permessi tal-iżvilupp u/jew fuq art li tappartjeni lilu, b'daqshekk ma jfissirx illi l-atturi għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex iressqu din il-kawża għaliex m'għandhom l-ebda drittijiet x'jipproteġu fuq l-art li tinsab wara l-garaxx tagħhom. Din il-Qorti żżid li anke li kieku l-garaxx tal-konvenut huwa mibni illegalment fuq art pubblika jew ta' terzi, huwa l-Gvern jew dak it-terz li għandu l-interess ġuridiku neċessarju sabiex jipproponi din il-kawża u ċertament mhux l-atturi odjerni.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut in kwantu li l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku sabiex jippromwovu din l-azzjoni u għaldaqstant, tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-atturi b'dan illi l-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż tas-sentenza preliminari tal-10 ta' Ġunju 2014.

IMHALLEF

DEP/REG